MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 2/2024 LM

**Margaret Falzon (K.I. nru. 00838950(M)) u**
**Nicholas Falzon (K.I. nru. 00047843(M))**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Margaret Falzon (K.I. nru. 00838950(M))** u **Nicholas Falzon (K.I. nru. 00047843(M))** mid-deċiżjoni mogħtija fis-29 ta' Diċembru, 2023, numru 402/2023 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li permezz

tagħha ddeċieda li jiċħad l-appell tagħhom fil-konfront tad-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa ’l quddiem ‘id-Direttur Ġenerali appellat’], u kkonferma d-deċiżjonijiet tal-istess Direttur Ġenerali appellat tat-13 ta’ Lulju, 2022, meħuda fil-konfront tagħhom.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw l-imsemmija deċiżjonijiet tad-Direttur Ġenerali appellat tat-13 ta’ Lulju, 2022, [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjonijiet tad-Direttur Ġenerali appellat”], fejn infurmahom li huma kienu tħallsu żejjed is-somma ta’ €20,476.95 u s-somma ta’ €18,301.14 rispettivament, rappreżentanti Pensjoni tal-Età għall-perijodi rispettivi bejn id-9 ta’ Ottubru, 2010 u l-20 ta’ Mejju, 2022, u bejn il-15 ta’ Novembru, 2008 u l-20 ta’ Mejju, 2022, u dan għaliex il-kapital tagħhom kien jeċċedi s-somma stabbilita mil-liġi. Fl-istess deċiżjonijiet id-Direttur Ġenerali appellat infurmahom li l-ħlas żejjed kien ser jitnaqqas bir-rata ta’ 15% mill-Pensjoni tal-Età (AP), jew minn xi benefiċċju ieħor li huma setgħu kienu qegħdin jirċievu mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

**Mertu**

3. Fit-2 ta’ Frar, 2024 l-appellanti appellaw minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru, fejn ikkontestaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat, filwaqt li spjegaw iċ-ċirkostanzi tagħhom.

4. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb fis-7 ta' Marzu, 2024, fejn huwa wkoll spjega ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, filwaqt li rrileva li l-appell tal-appellanti kien tardiv *ai termini* tas-subartikolu 108(3) tal-Kap. 318, u sostna li l-imsemmi appell kellu jiġi miċħud.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ra:*
>
> *Illi l-appellant daħħal appell dwar deċiżjoni li ħa l-istess Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali wara li huwa kien rċieva ittra ta' spjegazzjoni mibgħuta mis-sur Martin Buhagiar.*
>
> *Illi minn naħa tal-istess DSS fir-risposta tagħhom indikaw li l-appellanti kienu daħlu appell fuq ittra ta' spjegazzjoni u mhux għad-deċiżjonijiet li kienu rċevew li jġibu d-data tat-13 ta' Lulju 2022. Illi barra minn hekk fi kwalunkwe każ, l-appell huwa wieħed tardiv.*
>
> *Ikkunsidra*
>
> *Illi jidher b'mod ċar li l-appellanti kienu rċevew deċiżjoni sabiex jirrifondu ħlas lura minħabba stħarriġ li kien sar li l-appellanti ġew fil-pussess tagħhom proprjetà. Illi kien għalhekk li kienet nħarġet deċiżjoni sabiex jagħtu lura s-somma dovuta. Illi però f'dan il-każ mill-fatti ma kienx sar appell minn dawn id-deċiżjonijiet tant li l-unika appell li daħal kien biss meta rċevew ittra ta' spjegazzjoni li mhux appellabbli. Illi għandu jingħad, li għalkemm l-appellanti marru diversi drabi tramite t-tifel tagħhom sabiex jintalab spjegazzjoni, f'dan iż-żmien huwa qatt ma daħħal appell skont ma kellu miktub fuq l-istess deċiżjoni li kien rċieva. Huwa minnu li hemm* email *fejn ġie infurmat f'Diċembru 2022 li jista' jappella wara li kien rċieva spjegazzjoni, però huwa fatt li l-liġi hija ben ċara għal liema raġunijiet għandhom isiru l-appelli u f'liema żmien għandu jsir. Il-liġi ġiet maħluqa sabiex toħloq stabbilita u mhux b'mod diskrezzjonali tagħti lill-individwi drittijiet li ma jeżistux. Huwa għajb li uffiċjal tal-istess DSS ta parir ħażin lill-appellanta meta tah x'jifhem li jista' jappella minn din l-ispjegazzjoni. Huwa*

*wkoll prassi li persuna qatt ma ingħata il-parir anki meta jmorru fl-uffiċini distrettwali sabiex idaħħlu appell fil-mument li jkun hemm talba għal spjegazzjoni. Dan in-nuqqas serju li ġejja min qiegħed imexxi dawn id-dipartimenti li jonqos milli jagħtu sempliċi parir li jdaħħlu appell u mhux tintbagħat korrispondenza. Huwa wkoll fatt li dan jinkombi wkoll fuq l-appellant li għandu miktub b'mod ċar li għandu dritt jappella u li xi ħaġa ma saritx fiż-żmien stipulat"*

## <u>L-Appell</u>

6. L-appellanti ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fit-2 ta' Frar, 2024, fejn qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex jogħgobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tibgħat lura l-atti quddiem l-Arbitru sabiex jinstema' l-appell tagħhom fil-mertu.

7. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb fis-7 ta' Marzu, 2024, fejn sostna li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta, u għalhekk għandha tiġi kkonfermata minn din il-Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju li qegħdin iressqu l-appellanti, u dan filwaqt li tqis ukoll l-konsiderazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata, u s-sottomissjonijiet tad-Direttur Ġenerali appellat.

9. L-appellanti jistqarru li huma jinsabu aggravati bid-deċiżjoni appellata għaliex l-Arbitru għamel apprezzament ħażin tal-fatti, meta filwaqt li għaraf li d-Dipartiment kien għamel żball u żgwidahom meta qal lil binhom li kien mar f'isimhom fl-uffiċċju distrettwali, li seta' jsir appell wara li tingħata spjegazzjoni

mid-Dipartiment, iddeċieda billi ċaħad l-appell tagħhom. Jinsistu li kif jidher minn 'Dok E' anness mar-rikors tagħhom, u li kien sar mill-uffiċjal tad-Dipartiment Josianne Schiavone, li kienet din tal-aħħar li tathom l-istruzzjonijiet permezz ta' binhom, li kien ikun aħjar li qabel xejn huma jingħataw spjegazzjoni mid-Dipartiment dwar l-ittra tiegħu. Jissottomettu li din il-Qorti għandha tapprezza li huma u binhom huma nies għal kollox estraneji għall-proċeduri legali, u li huma ġejjin min sfond agrikolu mingħajr livell ta' edukazzjoni li jippermettilhom jiktbu ittra jew li jagħrfu l-ħtieġa li jirrikorru għand avukat. Kien għalhekk li huma kien talbu lill-uffiċjal tad-Dipartiment sabiex tispjegalhom għaliex huma kienu qegħdin jintalbu l-ħlas lura.

10. Id-Direttur Ġenerali appellat jsostni li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta, u għalhekk timmerita konferma. Jissottometti li l-imsemmija deċiżjoni appellata hija motivata tajjeb, u tindirizza l-aggravji tal-appellanti. Jinsisti li d-Dipartiment bl-ebda mod ma kien żgwida lill-appellanti, u fiż-żewġ ittri datati 13 ta' Lulju, 2022 li kien bagħatilhom, saħansitra kien hemm miktub b'mod ċar li dawn kienu jikkonsistu f'deċiżjoni. Huwa hawnhekk jagħmel riferiment għall-ittra li kienet intbagħtet lilhom mill-Assistent Direttur Martin Buhagiar fis-16 ta' Novembru, 2022, fejn kien ġie ndikat b'mod inekwivoku li din kienet *"b'referenza għat-talba tagħkom sabiex tiġu mogħtija spjegazzjoni dwar il-ħlas żejjed",* u jirrileva li din ma kellhiex isservi bħala *lunga manus* tad-deċiżjoni tad-Dipartiment. L-appellat jinsisti li din l-ittra nformattiva għalhekk ma kellha l-ebda effett fuq it-terminu tal-appell. Id-Direttur Ġenerali appellat jispjega li l-ittra kienet intbagħtet lill-appellanti fuq talba tagħhom għal spjegazzjoni, u għalhekk id-Dipartiment ma jistax jinżamm responsabbli proprju għaliex bagħat l-ispjegazzjoni rikjesta. Ikompli jissottometti li l-ittra in kwistjoni ma kien fiha l-

ebda ndikazzjoni tad-dritt ta' appell, u dan id-dritt kien ġie ndikat fid-deċiżjonijiet tiegħu. Huwa jsostni li wieħed ma jistax jiġi skużat għaliex mhuwiex midħla tal-liġi jew ma jafx din x'titlob. Jirrileva li kull benefiċjarju għandu l-obbligu skont il-liġi li jinforma lid-Dipartiment b'kull bidla fiċ-ċirkostanzi tiegħu. Minbarra dawn is-sottomissjonijiet fil-mertu, id-Direttur Ġenerali appellat jirrileva wkoll li l-appell quddiem l-Arbitru ma sarx fuq punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza skont l-artikolu 108 tal-Kap. 318.

11. Il-Qorti tikkunsidra li għalkemm l-Arbitru sewwa għaraf li *"il-liġi ġiet maħluqa sabiex toħloq stabbilità",* tgħid li l-għan tal-liġi jista' biss jintlaħaq fejn id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat ma tħalli l-ebda inċertezza, billi tfisser sew ukoll ir-raġunijiet li wasslu għal dik id-deċiżjoni. Tqis li spjegazzjoni bħal dik li ngħatat fil-każ odjern, u saħansitra f'bosta oħra bħalha, fejn ġie ddikjarat b'mod xott li kien sar ħlas żejjed tal-pensjoni tal-età jew xi benefiċċju ieħor, mhijex skont l-ispirtu tal-liġi li tipprovdi għad-dritt tal-appell. In-nuqqas ta' spjegazzjoni adegwata jrendi fix-xejn dan id-dritt, għaliex kif proprju ġara fil-każ odjern, l-appellanti ma kienux f'pożizzjoni li jappellaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat. Il-Qorti tikkunsidra li l-appellanti kellhom kull raġun u anki dritt li jistaqsu għal spjegazzjoni għad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat, li kienet ser titfagħhom lura finanzjarjament qrib l-erbgħin elf Euro (€40,000.00). Wara kollox diffiċli kien għalihom li jikkunsidraw li kuntratt li sar iktar minn għoxrin sena qabel, seta' wassal lid-Direttur Ġenerali appellat sabiex jieħu d-deċiżjonijiet kkontestati. L-appellanti għalhekk għandhom kull dritt li jinsistu li t-terminu tal-appell mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat, kellu jibda jiddekorri mill-ittra tiegħu tas-16 ta' Novembru, 2022, fejn ingħataw ir-raġuni tad-deċiżjoni appellata. Aktar u aktar meta l-parir tal-uffiċjal tad-

Dipartiment kien proprju li jistennew l-ispjegazzjoni li sussegwentement ngħatat permezz tal-imsemmija ittra. Ċertament kien ikun iktar ġust u ekwu li kieku spjegazzjoni tant faċli u sempliċi, ingħatat fid-deċiżjonijiet tad-Direttur Ġenerali appellat, u b'hekk l-appellanti kienu jkunu f'pożizzjoni aħjar li jagħrfu d-drittijiet tagħhom skont il-liġi.

Għaldaqstant il-Qorti tikkunsidra li l-aggravju tal-appellanti huwa ġustifikat, u tilqgħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tilqgħu, u tħassar id-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, filwaqt li tibgħat l-atti lura quddiem l-Arbitru sabiex ikompli jisma' u jiddeċiedi l-każ odjern.**

**Bl-ispejjeż kollha kontra d-Direttur Ġenerali appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**